

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-13 ta' Awwissu 2014

**dwar l-identifikazzjoni ta' TARGET2 bħala sistema ta' ħlas sistemikament importanti skont ir-Regolament (UE) Nru 795/2014 dwar il-ħtiġijiet tas-sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti**

**(BĊE/2014/35)**

(2014/533/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1, l-Artikolu 22 u l-ewwel inċiż tal-Artiklu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Lulju 2014 dwar il-ħtiġijiet tas-sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (BĊE/2014/28) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 1(2) u 1(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat u r-raba' inċiż tal-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") jagħti s-setgħa lill-Euro-sistema sabiex tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas.
- (2) L-Eurosistema tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas, *inter alia*, billi twettaq sorveljanza.
- (3) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) implimenta l-prinċipji għal infrastrutturi tas-suq finanzjarju maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Ħlas u Saldu (Committee on Payment and Settlement Systems — "CPSS") tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (Bank for International Settlements — "BIS") u l-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (International Organization of Securities Commissions — "IOSCO") (iktar 'il quddiem il-"Prinċipji CPSS-IOSCO"), li jarmonizzaw u jsaħħu standards ta' sorveljanza internazzjonali eżistenti għal, *inter alia*, sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (systemically important payment systems — SIPS), permezz tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28).
- (4) Sabiex iwettaq l-eżerċizzju ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) għal TARGET2, il-Kunsill Governattiv qiegħed jivverifika li l-kriterju msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) huwa sodisfatt, u li tnejn mill-erba' kriterji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) huma sodisfatti, kif deskritt fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Għall-eżerċizzju ta' verifika li fuqu hija bbażata din id-Deċiżjoni, intużat dejta pubblika għas-sena kalendarja 2012, flimkien ma' risposti għal stħarriġ tal-BĊE.
- (5) Taħt il-Linja Gwida BĊE/2012/27 <sup>(2)</sup> TARGET2 għandha struttura diċentralizzata li tgħaqqad flimkien bosta sistemi ta' ħlas. Is-sistemi komponenti tat-TARGET2 huma armonizzati sal-ogħla grad possibbli, b'ċerti eċċezzjonijiet fil-każ ta' restrizzjonijiet tal-liġi nazzjonali. It-TARGET2 hija kkaratterizzata wkoll minn pjattaforma teknika unika msejħa l-Pjattaforma Komuni Unika. Il-Kunsill Governattiv għandu l-kompetenza finali fir-rigward tat-TARGET2 u jissalvagwardja l-funzjoni pubblika tiegħu: dan l-arranġament ta' governanza huwa rifless fis-sorveljanza ta' sistemi komponenti tat-TARGET2,

<sup>(1)</sup> ĠUL 217, 23.7.2014, p. 16.

<sup>(2)</sup> Linja Gwida BĊE/2012/27 tal-5 ta' Diċembru dwar sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (ĠUL 30, 30.1.2013, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

It-termini użati f'din id-Deċiżjoni għandhom l-istess tifsira bħal dawk fir-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28).

*Artikolu 2*

**Identifikazzjoni ta' SIPS u operatur ta' SIPS**

1. Sistemi komponenti tat-TARGET2 li jissodisfaw il-kriterju tal-Artikolu 1(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28) għandhom jiġu identifikati b'mod kollettiv bħala sistema ta' ħlas sistemikament importanti għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28).

2. L-operaturi ta' sistemi komponenti tat-TARGET2 li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 sa 21 tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28).

*Artikolu 3*

**Awtorità kompetenti**

Il-BĊE għandu jkun l-awtorità kompetenti għas-sorveljanza tat-TARGET2.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Awwissu 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---

## ANNEX

Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer system (TARGET2), mħaddma mill-Eurosistema mkejla kontra l-kriterji stipulati fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 (BĊE/2014/28)

Kriterju	TARGET2
<p>(a) eliġibbli biex tkun innotifikata bħala sistema skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) minn Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro jew operatur stabbilit fiż-żona tal-euro</p>	<p>Komponenti tat-TARGET2 innotifikati bħala sistemi skont id-Direttiva 98/26/KE minn Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— TARGET2-OeNB</li> <li>— TARGET2-BE</li> <li>— TARGET2-CY</li> <li>— TARGET2-Eesti</li> <li>— TARGET2-Suomen Pankki-järjestelmä</li> <li>— TARGET2-Banque de France</li> <li>— TARGET2-BBk</li> <li>— TARGET2-ECB</li> <li>— TARGET2-GR</li> <li>— TARGET2-Ireland</li> <li>— TARGET2-Banca d'Italia</li> <li>— TARGET2-Latvija</li> <li>— TARGET2-LU</li> <li>— TARGET2 Malta</li> <li>— TARGET2-NL</li> <li>— TARGET2-PT</li> <li>— TARGET2-Banco de España (TARGET2-BE)</li> <li>— TARGET2-SK</li> <li>— TARGET2-Slovenija</li> </ul> <p><b>Kriterju ssodisfat</b></p>
<p>(b)(i) il-valur medju totali ta' kuljum ta' ħlasijiet ipproċessati ddenominati feuro li jeċċedu 10 biljun EUR</p>	<p>Valur medju totali ta' kuljum ta' ħlasijiet ipproċessati ddenominati feuro: EUR 2 777 triljun</p> <p><b>Kriterju ssodisfat</b></p>
<p>(b)(ii) is-sehem tas-suq tagħha huwa mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 15 % tal-volum totali tal-ħlasijiet denominati feuro; jew</li> <li>— 5 % tal-volum totali tal-ħlasijiet transkonfinali ddenominati feuro;</li> <li>— 75 % tal-volum totali tal-ħlasijiet iddenominati feuro fil-livell ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;</li> </ul>	
<p>(b)(iii) l-attività transkonfinali tiegħu (jiġifieri parteċipanti stabbiliti fpajjiż li mhuwiex dak tal-operatur tas-SIPS u/jew rabtiet transkonfinali b'sistemi ta' ħlas) tinvolvi ħames pajjiżi jew iktar u tiġġenera minimu ta' 33 % tal-volum totali tal-ħlasijiet denominati feuro pproċessati</p>	

Kriterju	TARGET2
(b)(iv) użat għall-ħlas ta' IFM oħrajn	Sistemi komponenti tat-TARGET2 jintużaw għall-ħlas tal-IFM <b>Kriterju ssodisfat</b>
<sup>(1)</sup> Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u s-sistemi ta' ħlas ta' titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).	